Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Michael Vella]

vs

Terrence Scerri

Kumpilazzjoni Numru: 429/2020

Illum, 14 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Terrence Scerri** detentur tal-karta tal-identita` numru 196684 M akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2020 ghal habta ta' 01:00 HRS ta' filghodu u l-granet ta' qabel, gewwa l-Furjana u minn postijiet ohra dawn il-gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti,

kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil ex siehba tieghu Priscilla Fava li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew propjeta' tal-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra ***skond Artikolu 251B (1) 251H (a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***;

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat fuq l-ex siehba tieghu certu Priscilla Fava ***skond artikolu 49 (a) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta***;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ex partner tieghu Priscilla Fava ***skond l-artikolu 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*** ;

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu;

5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni tal-Magistrat tal-Ghassa Dr Josette Demicoli LL.D datata 22 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret deffinittiva u ma tistax tinbidel *skond l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Din l-Onorabbli Qorti giet mitluba tittratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kap 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn (2) ta' Settembru 2020;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat vjolenza domestika mill-akkuzat fuq l-ex siehba tieghu Priscilla Fava.

Illi mix-xhieda tal-**Probation Officer Larisa Bonello** hareg li precedentement l-imputat kien inghata Ordni ta' Probation mill-Magistrat Josette Demicoli li tali Ordni ma kinitx qed tigi obduta

mill-akkuzat u ghalhekk kellha tissottometti denunzja quddiemha li tali denunzja kienet ghadha pendenti.

Xehed ukoll **PS 728 Brendon Borg** li mar fuq il-post dakinhar tal-incident u fejn iltaqa' ma' Priscilla Fava hekk kif kien gara l-incident. Huwa jghid illi mal-wasla tieghu ra lil Priscilla mbezza' u qal ukoll illi l-imputat li kien l-ex sieheb taghha kien mar wara l-bieb taghha jhabbat u dan wara li kien ilu jheddidha b'diversi telefonati u *recordings* fuq il-mobajl mill-gurnata ta' qabel. Huwa sema' t-telefonata u kkonferma li verament kien hemm kliem ta' theddid.

Gie esebit ukoll ir-*risk assessment* li gie kkonfermat bil-gurament mir-*risk assessors* tal-agenzija appogg Jessica Grech Paris u Karl Saliba.

Xehdet ukoll il-psikologa **Sarah Farrugia** li kienet qed issegwi lill-imputat mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fuq talba tieghu stess. Hija xehdet illi l-imputat ma weriex motivazzjoni serja sabiex jibda programm kontra d-dipendenza fuq id-droga u dan ghaliex huwa jahseb li jista' jehlibha wahdu.

Xehed l-**Ispettur Michael Vella** li xehed kif dakinhar tal-incident gie arrestat l-imputat Terrence Scerri minhabba xi theddid li kien ghamel fuq l-ex siehba tieghu Priscilla Fava u dan it-theddid kien jikkonsisti fi kliem bhal *"prepara ruhhek liba qahba minn tahti tghaddi, minn taht idi tghaddi, prepara ghax f'demmek ngherqek; int minn hemm se tghaddi l'aqwa li niehu s-sodisfazzjon".* Ix-xhud esebixxa wkoll is-sentenzi a rigward l-addebitu tar-recidiva li dawn gew immarkati bhala Dok. MV6, MV7 u MV8.

Illi hadet konjizzjoni tar-rapport tas-Cyber Crime Unit u senjatament minn PC 438 William Borg immarkat bhala Dok. WB1 fejn dan jelenka l-messaggi li juru b'mod car theddid fuq il-hajja tal-parte civile Priscilla Fava fil-gurnata ta' qabel l-ewwel (1) ta' Settembru 2020 u wkoll f'din il-gurnata numru kbir ta' telefonati mill-imputat li ma gewx risposti.

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Priscilla Fava** li min-naha taghha xehdet kif gurnata qabel l-allegat incident beda jcemplilha l-imputat filghodu kmieni u ma bdietx tirrispondih u ghalhekk beda jibghatilha xi messaggi fejn bdew jilletikaw u hu qallha li kien gej id-dar taghha. Hi rrispondietu li ma kinitx id-dar sabiex tehles

minnu u baghtitlu ritratt antik ma' hbieb taghha biex turih li veru kienet barra d-dar. Hu rrispondiha li anke hu kien ma' xi hadd u fil-fatt kien ser jibghatilha ritratt li kien ma' mara. Fil-fatt huwa baghtilha ritratt fejn kien fis-sodda ma' mara. L-Ghada hija bdiet terga' tircievi telefonati mill-imputat fejn hija rrispondiet u ndunat li kien taht l-effetti tax-xorb. Filghaxija beda jibghatilha dawk il-messaggi malafamanti li gew traskritti fir-rapport hawn fuq imsemmi. Hu kien qallha fl-ahhar messagg li kien gej id-dar taghha u fil-fatt wara ftit tarah gej mit-tieqa tad-dar taghha u minnufih cemplet il-pulizija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi a rigward l-ewwel (1) akkuza u cioe' dik taht l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hemm bzonn li l-prosekuzzjoni tipprova *a course of conduct* mill-imputat izda f'dan il-kaz ma setghetx ghaliex il-parte civile xehdet hi stess li hija qatt ma ghamlet rapport mal-pulizija qabel dan l-incident.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza ghalkemm kif sostniet id-difiza ma kienx hemm konferma minn espert imqabbad mill-Qorti li l-

messaggi verament kien baghathom l-imputat, mill-kontenut tal-messaggi kif ukoll li wara l-imputat baghat ritratt tieghu dan kollu jikkonferma illi kien verament hu. Illi di piu' dan kien gie kkonfermat bil-gurament mis-*Cyber Crime Unit* li ghalkemm ma kinux esperti tal-Qorti certament ix-xhieda taghhom ghandha certu valur probatorju.

Illi l-istess jinghad ghat-tielet (3) akkuza u ghalhekk anke din ukoll giet ippruvata.

A rigward ir-raba' (4) akkuza jinghad li din l-akkuza giet ippruvata permezz ta' sentenzi esebiti mill-ufficjal prosekutur.

A rigward il-hames (5) akkuza jinghad illi gialdarba din il-kwistjoni hija pendenti wkoll quddiem Qorti ohra u cioe quddiem il-Magistrat Josette Demicoli din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza stante li thoss li din tkun tista tasal ghall-gudizzju aktar ekwu tenut kont illi hija kienet dik il-Qorti li kienet semghet il-kaz originali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 339(1)(e) u 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Terrence Scerri hati tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u minflok tinfliggi piena timponi Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 ghal zmien sena (1) liema ordnijiet ghandhom jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza, filwaqt li ma ssibux hati tal-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) akkuza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

**Ft/Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**